# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 501/2018 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**JM**

**Vs**

**MS**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' JM, datat 9 ta' Novembru 2018, a fol , li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit-18 ta' Dicembru tas-sena 1999 (Dokument JM 1) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal;*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Marco Burlo', animo ritirandi, fil-5 ta' Gunju tas-sena 2001 (Dokument JM2);*

3. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet tispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 3 tal-istess kuntratt);*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

5. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'hiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

*Bl-ispejjez.'*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MS, datata 27 ta' Novembru 2018, a fol 14, li taqra hekk:

1. *Illi in kwantu ghall-fatti tal-kaz ma hemmx kontestazzjoni.*

2. *Illi fir-rigward tar-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jaqbel li l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin, li ma hemm ebda manteniment dovut u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni. In vista ta' dan, l-esponenti ma ghandha ebda oggezzjoni li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti* ***ma topponix*** *ghat-talba rikorrenti.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar it-18 ta' Dicembru 1999, u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. (Vide dok JM1, a fol 2);

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet ilhom separati legalment b'kuntratt ppubblikat datat 5 ta' Gunju 2001, in atti tan-Nutar Marco Burlo', *animo ritirandi*. (Vide Dok B);

**JM** xehed a fol 16 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Dicembru 1999 u kien ottjenew separazzjoni legali fil-5 ta' Gunju 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, u li m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MS** a fol 18 *et seqq* xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***[...]***

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Gunju 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**